



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 23/13**  
Il-Lussemburgo, 6 ta' Marzu 2013

Stampa u Informazzjoni

## Statistika ġudizzjarja 2012: konsolidazzjoni tar-riżultati miksuba fl-aħħar snin

*It-tul tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ĝeneralij kompli jonqos b'mod sinjifikattiv.*

L-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2012 hija, b'mod ġenerali, ikkaratterizzata minn proġitività stabbli u minn titjib sinjifikattiv fl-effiċċaċja tat-tul tal-proċeduri. Barra minn hekk, jista' jiġi nnotat tnaqqis żgħir fin-numru globali tal-kawżi mressqa quddiem it-tliet qrati (1 427 fl-2012 meta mqabbla ma' 1 569 fl-2011), li, fid-dawl tal-iżvilupp tan-numru ta' kawżi matul l-aħħar ħames snin, jista' madankollu jkun ta' natura pjuttost temporanja.


### Il-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-2012, il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 595 kawża u tressqu quddiemha 632 kawża ġidida. In-numru ta' kawżi li tressqu jibqa' għoli ħafna u jikkostitwixxi, fl-istorja tal-Qorti tal-Ġustizzja, it-tieni l-ikbar numru ta' kawżi mressqa f'sena. Il-fatt li tali numru naqas b'madwar 8 % meta mqabbel mas-sena 2011 (688 kawżi mressqa) huwa prinċipalment dovut għal tnaqqis żgħir, meta mqabbel mas-sena preċedenti, fin-numru ta' appelli ppreżentati kontra s-sentenzi tal-Qorti Ĝeneralij. Fir-rigward tan-numru ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari mressqa fl-2012, dan kien jirrapreżenta t-tieni l-ikbar ammont li qatt tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fir-rigward tat-tul tal-proċeduri, l-istatistika hija pożittiva ferm. Fir-rigward, b'mod partikolari, tar-rinvji għal deċiżjoni preliminari, dan it-tul kien jammonta għal 15.7 xhur.

Għalhekk, fl-2012, it-tul medju tat-trattament tal-kawżi għal deċiżjoni preliminari laħaq l-Iktar livell baxx fl-istorja.


Fir-rigward tar-rikorsi diretti u tal-appelli, it-tul medju tat-trattament tagħhom kien ta' 19.7 xhur u ta' 15.3 xhur rispettivament.



	2008	2009	2010	2011	2012
Kawżi mressqa	593	562	631	688	632
Kawżi maqtugħha	567	588	574	638	595
Kawżi pendentti	768	742	799	849	886

## II-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali għandha tkun sodisfatta li rnexxielha tikkonsolida l-qabża kwantitattiva li għamlet fl-2011. Fil-fatt, fl-2012, inqatgħu 688 kawża (li, wara dak tal-2011, jikkostitwixxi l-aħjar riżultat minn meta nħolqot il-qorti). Dan il-livell ġdid ta' produttività ġudizzjarja, li joriġina mid-diversi riformi interni li ġew implementati fl-aħħar snin u li jiproduċu gwadann kumulattiv ta' effiċjenza, irrenda possibbli li jkun hemm tnaqqis storiku tan-numru ta' kawżi pendentti (li jammonta għal 71 kawża, jiġifieri iktar minn 5 % ta' tnaqqis), minħabba tnaqqis okkażjonali tal-kawżi mressqa, li din is-sena jammonta għal 617 kawża (jiġifieri iktar minn 15 % ta' tnaqqis). Barra minn hekk, it-tul tal-proċeduri tnaqqas kunsiderevolment, b'tul medju ta' 24.8 xhur, jiġifieri tnaqqis ta' 1.9 xhur meta mqabbel mal-2011.




	2008	2009	2010	2011	2012
Kawżi mressqa	629	568	636	722	617
Kawżi maqtugħha	605	555	527	714	688
Kawżi pendentti	1 178	1 191	1 300	1 308	1 237

## It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

B'differenza għal qrat oħra, l-istatistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tindika, firrigward tal-2012, żieda ġidida fin-numru ta' kawżi mressqa (178) meta mqabbla mas-sena preċedenti (159). Għaldaqstant, dan in-numru żidied b'mod kostanti sa mill-2008.

In-numru ta' kawżi maqtugħha (121) huwa, min-naħħa tiegħi, ferm iżgħar meta mqabbel mas-sena l-oħra (166), li huwa minnu li kien jikkostitwixxi l-aħjar riżultat kwantitattiv tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mill-ħolqien tiegħi. Dan it-tnejjix huwa dovut għall-bidla li seħħet fi tmiem l-2011 fil-kompożizzjoni tat-Tribunal. Fil-fatt, l-imħallfin ġodda li ġew innominati setgħu biss jilħqu l-livell massimu tagħhom ta' prouttività wara diversi xħur fis-servizz minħabba ż-żmien meħtieġ għat-taħriġ u għad-deċiżjoni tal-kawżi.

Madankollu, ma kienx hemm bidla kbira fit-tul medju tal-proċeduri (14.8 xħur fl-2012 meta mqabbel ma' 14.2 xħur fl-2011).



	2008	2009	2010	2011	2012
Kawżi mressqa	111	113	139	159	178
Kawżi maqtugħha	129	155	129	166	121
Kawżi pendentni	217	175	185	178	235

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt tal-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355